# L-oriġini tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat tal-Imdina

## *Ikompli mal-ħarġa tal-2016*



**Joseph Sultana**

Hekk rajna din il-mixja fl-istorja ta' pajjiżna li bħal nisġa għaqdet din il-ġrajja li wasslet għall-manifestazzjoni ta' kif nafuha llum fir-Rabat, bis-sehem tal-belt kapitali ta' dak iż-żmien, l-Imdina, il-qofol tal-istorja medjovali ta' pajjiżna. Kull deċiżjoni li kienet tittieħed f'pajjiżna kienet tissawwar minn din il-belt u subborg tagħha r-Rabat. Rajna wkoll kif ir-reliġjon Kattolika taħt il-ħakma tal-Għarab baqgħet mhux interrotta taħdem bla waqfien f'pajjiżna għalkemm konna maħkumin minn kultura u reliġjonijiet diversi milli kien jemmen il-poplu Malti. Il-liturġija Kristjana baqgħet tiffunzjona fl-għerien u kappelli trogloditi l-aktar fl-inħawi tar-Rabat. Illum għandna aktar evidenza li l-gżira ta' Malta u Għawdex ma ġewx depopolati kif kien maħsub għaliex mill-arkeoloġija riċenti ġewwa l-Imdina nstabu għadd kbir ta' fuħħar tal-perjodu bejn 870 u 1080, il-perjodu li fih suppost il-gżejjer Maltin kienu diżabitati. Altru minnhekk għax jidher li kien hawn attività ta' kummerċ kbir bejn Tuneż u Sqallija.[94]

Rajna wkoll kif it-tradizzjoni tagħmel parti ukoll mill-istorja ta' pajjiżna. Kif il-leġġenda tgħidilna meta kien ser ikun hemm rewwixta mill-Għarab fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira meta l-biċċa l-kbira tar-Rabtin u l-abitanti tal-belt tal-Imdina jkunu miġbura għall-funzjoni ġewwa l-Katidral tal-Imdina biex jerġgħu jieħdu lura l-ħakma ta' pajjiżna. Fil-medjuevu jeżisti dokument tal-11 ta' Marzu 1486 fejn il-Viċi Re ta' Sqallija Gaspare de Spes iwissi lil ġurati tal-Università tal-Imdina biex fil-Ġimgħa l-Kbira li jmiss jagħmlu arranġamenti ħalli jipproteġu bl-akbar qawwa lil Komunità Lhudija li kienet tgħix ġewwa l-Imdina u r-Rabat, mill-persekuzzjoni u l-insulti, milli jagħtu fastidju u jdejqu lil din il-komunità, *"preterea ectendiriti cum summa diligencia et actencioni di fari ben guardari in quista septimana sancta la dicta iudeca pliu meglio che Per Lo Passato sia stata guardata in maniera non si poeza dubitari in ipsa de alcuno inconvenienti et pericolo..."* [95] Dan juri kemm fir-Rabat u l-Imdina kienu jieħdu bis-serjeta l-liturġija tal-Ġimgħa Imqaddsa f'dan iż-żmien bikri. Ma ninsewx li fil-medjuevu kien hemm persekuzzjoni qalila kontra l-Lhud mal-Ewropa kollha, għaliex ħtija ta' dan il-poplu kien li kkundanna għall-mewt lil Sidna Ġesù Kristu.

Rajna wkoll kif l-ewwel patrijiet mendikanti waqqfu l-ewwel kunventi tagħhom fir-Rabat u ġabu magħhom it-tradizzjonijiet reliġjużi minn Spanja u speċjalment minn Sqallija. Imma fejn tidħol l-aktar il-*Via Crucis* u l-liturġija u l-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa jimmeritahom l-aktar il-Franġiskani Osservanti (Minuri) li bdew dawn il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira permezz tal-preżenza tagħhom ġewwa l-Art Imqaddsa sa mill-1336. Rajna ftit riflessjonijiet storiċi fuq ġrajjet ir-Reliġjon tagħna f'dak li jintrabat mat-tifkira ta' Kristu li għalina ried imut imsallab. L-istorja turina li minn żmien bikri fil-Kristjaneżmu kienu jsiru funzjonijiet fil-knejjes biex ifakkru l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Imqaddsa huma tant devoti għalina l-Insara li fl-antik kienu jagħmlu ħafna penitenzi permezz ta' sawm u diversi mortifikazzjonijiet. Iżda mhux minn dejjem kien dan, għaliex insibu li mis-sitt seklu 'l quddiem, ix-xbieha tal-kurċifiss kienet ta' Re, mlibbes u jitwaħħal ħafna deheb u ħaġar prezzjuż. Iżda din l-użanza bdiet tinbidel fi żminijiet tan-nofs u f'pajjiżna rajnieha fl-affreski fl-abbazija tad-Dejr bil-figura ta' Kristu fit-tbatija qrib ħafna kif niffigurawh illum.[96]

Fil-bidu ta' din ir-riċerka dwar il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, ktibt li jien nemmen bis-sħiħ li din il-purċissjoni ħarġet mill-*Via Crucis* li kienu jsiru minn żmien bikri fl-Art Imqaddsa. Infatti dawn kienu jissejħu "purċissjonijiet stazzjonali", jew biss "stazzjon". Wara li ntemmu l-persekuzzjonijiet u Kostantinu, mis-sena 313, ta libertà biex iwettqu l-kult nisrani lill-knisja Kattolika, dawn il-purċissjonijiet stazzjonali żdiedu, fejn kienu jsiru purċissjonijiet jew pellegrinaġġi lejn knejjes fejn kienu jinsabu l-fdalijiet tal-Martri.[97]

Iżda l-aktar purċissjonijiet popolari kienu dawk

li jfakkru xi ġrajja tal-istorja tas-salvazzjoni jew penitenzjali fejn il-poplu jitlob mingħand Alla ħniena u maħfra. Meta ngħidu "stazzjon" jiġifieri mill-kelma latina "*Statio*" toqgħod bil-wieqfa. Għax hekk kien joqgħod il-poplu meta kien jiltaqa' flimkien kull nhar ta' Ħadd, u fil-liturġija kollha tal-Għid il-Kbir sa Pentekoste. Din l-użanza taf il-bidu tagħha minn żmien Sant' Irinew, S. Ċiprijanu, Tertulljani u oħrajn li huma kienu jgħidu li hekk kien isir sa minn żmien l-Appostli.[98] Infatti meta l-poplu kien ikun sajjem u penitenti fl-Erbgħat u l-Ġimgħat tar-Randan bdew jissejħu stazzjonijiet fejn kienu jibdew fit-3.00 ta' wara nofsinhar bil-purċissjoni titlaq fejn il-knisja li jkun imiss, fejn issir il-liturġija li tintemm ma' nżul ix-xemx.

Fil-bidu bikri tal-Kristjaneżmu kienu jsiru diversi purċissjonijiet kemm fil-Lvant ta' Antjokja, Lixandra u Kostantinopoli, imma l-aktar importanti huma dawk ta' Ġerusalemm. Dawn taw il-bidu lil purċissjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-misteri tal-mewt u l-qawmien tal-Mulej. F'Ġerusalemm il-post magħruf bħala Anastatis l-inħawi tal-Qabar ta' Kristu u l-Martyrium, l-inħawi tal-Kalvarju kienu u għadhom isiru purċissjonijiet bil-waqfiet f'diversi kappelli li jfakkru l-post preċiż ta' dawn il-misteri. Hekk kien isir mill-1335 minn meta l-Franġiskani daħlu uffiċjalment f'isem il-Knisja tar-Rit Latin u hekk għadu jsir sal-ġurnata tal-lum. L-obbligu tagħhom huwa li jieħdu ħsieb u jħarsu s-Santwarji tal-Art Imqaddsa.

Il-purċissjoni ta' Kristu mejjet fil-Bażilika tas-Santu Sepulkru bdewha l-Franġiskani fil-bidu tas-seklu sbatax. Hawn ta' interess kien jintrefa Ġesù msallab ma' Salib u jittieħed f'purċissjoni għall-qima tal-poplu u l-pellegrini. Wara għal xi żmien bdew jagħmluha wkoll l-insara tar-rit Etjopiku. Fuq il-Kalvarju mill-1620 kienet issir il-liturġija ta' Kristu msallab, it-tniżżil Tiegħu minn fuq is-salib u ssir id-difna. Waqt il-quddiesa kien jitkanta l-"Passju", dan kollu jsir f'Ħamis ix-Xirka. Fil-knisja Ta' Ġieżu tar-Rabat din il-funzjoni antika għadha ssir, iżda fil-ġurnata tal-Erbgħa jiġi amministrat is-sagrament tal-Qrar.

Fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu llum dawn il-purċissjonijiet isiru kuljum fit-3.00 ta' wara nofsinhar. Tibda quddiem l-artal tas-Sagrament tieqaf quddiem il-Kolonna tal-Flaġellazzjoni, tibqa sejra fil-Ħabs ta' Ġesù, wara fejn neżżgħuh minn ħwejġu sa fejn instab is-salib, wara tibqa sejra sa fejn inkurunawh bix-xewk, sa fuq il-Kalvarju, il-post fejn salbuh u wara miet. Wara tkompli għal quddiem l-artal tad-Duluri sa fejn difnuh jiġifieri l-Qabar ta' Kristu u tintemm fil-kappella ta' Ġesù Irxuxtat. Waqt din il-purċissjoni jsir ħafna talb u kant li jfakkar il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

Hekk rajna kif il-purċissjonijiet stazzjonali tal-*Via Crucis* bdew jiżviluppaw f'purċissjonijiet penitenzjali u purċissjonijiet tar-Randan u pellegrinaġġi. Il-Franġiskani bdew ixerrdu kull fejn kienu, din id-devozzjoni, għaliex mhux kulħadd seta' jmur l-Art Imqaddsa. Infatti kemm fi Spanja kif ukoll fi Sqallija l-preżenza tal-patrijiet Franġiskani kienet mifruxa sew u kienu jorganizzaw lil pellegrini li riedu jmorru fl-Art Imqaddsa. L-influwenza Spanjola kienet nieqsa xi ftit fejn tidħol il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'pajjiżna, iżda mhux hekk fejn tidħol Sqallija, għax fis-seklu sittax, kienet ilha taħt id-dominanza Spanjola għall-sekli sħaħ.

I-użanza li jikkonċerna l-flaġellanti, msejħin "battuti" li ġa għamilt referenza fuqhom qabel, għaliex dawn kienu l-qofol tal-ewwel purċissjonijiet kemm ġewwa Spanja, l-Italja t'isfel, Sqallija u anke Malta. Din l-użanza tal-fratellanza ta' San Ġużepp tar-Rabat tal-Imdina li kienu jwettquha kemm fil-funzjonijiet tar-Randan u anke fil-purċissjonijiet penitenzjali tal-Ġimgħa l-Kbira, drawwa li baqgħet ħajja f'pajjiżna sal-ewwel snin tas-seklu għoxrin.[99] L-Italja t'isfel u Sqallija għadhom jeżistu sal-ġurnata tal-lum speċjalment f'Nocera, Terinese Verbicaro fil-Kalabrija.[100] Iżda Spanja u Sqallija mhux flaġellanti biss kellhom u għad għandhom iżda anke nies ikaxkru slaleb tal-injam bil-kuruna tax-xewk f'rashom. Dan juri xebh assolut fil-purċissjoni tar-Rabat użanza li għadha ħajja sal-ġurnata tal-llum. Ma ninsewx li l-kuntatti ma' Sqallija kienu kbar sa mis-seklu erbatax u żdiedu mal-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann. Fl-Ewropa speċjalment fi Franza l-Ingilterra u l-Ġermanja l-aktar il-perjodu Medjavali meta l-fidi Kristjana kienet fl-aqwa tagħha kienu jsiru *Mystery Plays* fejn kienu jixbhu ħafna l-purċissjonijiet tal-lum f'Malta li huma speċi ta' dramm fuq il-passjoni u l-mewt ta' Ġesù Kristu. Illum fl-Ewropa fejn il-fidi Kristjana tilfet ħafna mis-saħħa li kellha dawn il-*Mystery Plays* mietu mewta naturali fejn l-uniku pajjiż li għadha ssir hija l-Ġermanja eżattament f'Oberamergau kull għaxar snin.

L-istoriċi kollha jaqblu li l-organizzazzjoni ta' dawn il-purċissjonijiet oriġinaw mill-preżenza tal-patrijiet Franġiskani Osservanti (Minuri) magħrufin bħala Ta' Ġieżu, li kellhom l-ewwel kunvent tagħhom ġewwa r-Rabat. Minn kitbiet aktar qabel tajna aktar tagħrif kemm kellhom rabtiet qawwija u mill-qrib mas-santwarji sagri fl-Art Imqaddsa tal-Palestina. Lejn is-seklu sittax kienu jorganizzaw Purċissjonijiet tar-Randan. Dawn kienu jkunu pellegrinaġġi ta' penitenza b'Kurċifiss, li bil-mod

il-mod żviluppaw f'purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Minħabba l-faqar tal-Patrijiet Franġiskani, ma kienx possibbli li jorganizzaw dawn l-għamla ta' purċissjonijiet minħabba spejjeż kbar għal dak iż-żmien biex iddawwal din il-purċissjoni hekk kbira. Illum forsi ma napprezzawx dan, imma fl-imgħoddi l-akbar spiża kienet tkun kif ser iddawwal bix-xemgħat, fjakkoli u torċi din il-purċissjoni twila. Dan ser narawh aktar 'il quddiem kemm kien isir sforz biex tiġi mdawla din il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Imma meta kienet id-data tal-ewwel purċissjoni ġewwa gżiritna? Din il-mistoqsija hi ferm diffiċli jew impossibbli li wieħed jirnexxilu jistabbilixxi d-data eżatta tal-oriġini tal-ewwel purċissjoni f'Malta, għalkemm bit-tiftix ta' dokumenti bdejna noqorbu ferm lejn il-bidu tagħha. Jidher li fi Spanja fil-bidu tas-seklu sittax kienu jsiru purċissjonijiet organizzati mill-*Confradias* ta' Spanja, iżda kienu bla vari. Fi Sqallija ġewwa Palermo fl-1590 il-Konfraternità Irjali ta' Spanja *Confradias di Macarena* impurtat statwa tad-Duluri minn Spanja li żanżnuha fil-purċissjoni ta' dik is-sena. Ċertu Marius li kien preżenti jassisti għal din il-purċissjoni fejn ra ukoll Urna bi Kristu mejjet fiha tinġarr mill-fratelli.

Jidher li l-purċissjoni tar-Rabat Malta kienet ukoll aġġornata sew ma' dik ta' Sqallija għaliex il-monument jew l-Urna ta' Kristu mejjet u l-istatwa ta' Kristu flaġellat huma tal-istess perjodu, jiġifieri lejn l-aħħar tas-seklu sittax. Dawn ġew importati minn Sqallija fejn il-fratellanza ta' San Ġużepp minn dejjem kellha fi ħdanha l-ogħla uffiċjali bħal Prokuraturi u Retturi li kienu nies nobbli merkanti tal-Imdina, Markiżi, Barunijiet, Ġurati u uffiċjali għolja fl-Università ta' Malta jiġifieri l-gvern ta' Malta.



Il-vara tal-Marbut tar-Rabat (Malta) hi l-eqdem statwa tal-Ġimgħa l-Kbira li tinħareġ proċessjonalment. Ġiet importata minn Sqallija lejn l-aħħar tas-seklu sittax, skolpita fl-injam.

## L-aktar dokumenti antiki dwar il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat

Dokument antik fil-Katidral Metropolitan ta' Malta fejn jirreferi li fl-1569 id-dmirijiet pastorali tal-Arċipriet tal-Katidral. Li jieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-fidili, kull meta l-Isqof ikun assenti, jieħu ħsieb fost l-oħrajn iċ-ċerimonji ta' Ħadd il-Palm, jieħu ħsieb iċ-ċerimonja ta' Ħamis ix-Xirka u s-Sepulkru, fejn anke jakkumpanja u jħallas għall-tliet xemgħat fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.[101] Għalkemm id-dokument ma jispeċifikax għal liema purċissjoni hi tal-Ġimgħa l-Kbira l-Fratellanza ta' San Ġużepp tar-Rabat, minn dejjem kellha konnessjoni kbira kemm mal-Kapitlu Metropolitan tal-Katidral u kemm mas-Senat tal-Università tal-Imdina. Infatti l-Fratellanza ta' San Ġużepp magħduda bħala mal-Katidral.

Dokument interessanti ieħor, jirreferi għall-purċissjoni tar-Rabat bħala l-aktar waħda antika, huwa d-dokument tas-Sinodu ta' Malta li sar fl-1591, fejn jirreferi għall-purċissjoni tar-Rabat bħala *ex antiquissima consuetudine* l-espressjoni turi li din il-purċissjoni tar-Rabat hija użanza antika li ilha ħafna żmien issir.[102]




Il-bidu tal-purċissjoni tar-Rabat, ritratt meħud fl-1950 fejn ħafna mill-iskrizzjonijiet kienu jkunu bil-Latin

Tagħrif ieħor huwa li fl-1595 twaqqaf legat min Pietro Mangion biex isir Quddies *quolibet die Veneris mensis Martii*.[103] Dokument ieħor importanti fejn jissemma li l-Isqof Mons Baldassarre Cagliares fil-11 ta' April 1618 " *Editto nel quale si proibiscono i Confrati, Procuratori, e Rettori delle Compagnie de non entrare, e ritirarsi nella Processione della Passione Giovedi Santo nella Propria Chiesa alla Prima Ave Maria nella quale si comando, che siamo gia' ritirati sotto pena di scomunica ipso facto, il quale editto fu affisso alla porta delle Chiese da dove sogliono uscire le dette Processione*"[104]. Għalkemm dan id-dokument tal-1618 ma jirreferix għal-liema purċissjonijiet qiegħed

jirreferi, juri li f'din id-data bikrija kienu ġa jsiru għadd ta' purċissjonijiet bħal dawn. L-Editt jurina ukoll li l-purċissjonijiet tal-Passjoni fl-imgħoddi ma kienux isiru fil-ġurnata tal-ġimgħa imma l-ġurnata l-aktar komuni kienet tkun Ħamis ix-Xirka. Il-quddiesa tat-tifkira solenni tal-Ikla tal-Mulej kienet issir filgħodu. Filgħaxija, missirijietna kienu jmorru għall-purċissjonijiet. Dan l-Editt jixbaħ ukoll l-ordni li kien ħareġ l-Isqof ta' Malta Mons Carmelo Scicluna fl-1879 biex il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira jibdew jidħlu fil-knisja fit-tmienja ta' filgħaxija. Dan biex jinqatgħu l-abbużi ta' dewmien żejjed ta'xi purċissjonijiet f'Malta[105].

**Referenzi**


[94] Nathaniel Cutajar *Recent Discoveries and the Archaeology of Mdina*

[95] John Bezzina. *Good Friday Procession at Rabat. p.5.*

[96] Alexander Bonniċi, kelmtejn qabel. *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex.*

[97] Ġorġ Aquilina. *Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt.*

[98] *Ibid.*

[99] Grima. p. 20.

[100] Ġ. Mifsud. Chircop. *Proceeding of the First International Conference on The Ritual Year.*

[101] Borġ. p. 211.

[102] John Bezzinz. p. 7.

[103] Atti Simone Galea, R298 (7,5. IV 1595).

[104] Aquilina. p. 229.

[105] Casha.



**GARY'S DISCOUNT STORE**

89, Triq San Piju V, Rabat Tel: 27036300

Opening Hours:
Mon, Tues, Thurs & Fri mill-5:30am sas-7:00pm
Wed & Sat mill-5:30am sas-1:00pm

*Fresh Fruits & Vegetables, Groeries,*
*Detergents & all you require for your daily needs*






**HOMETEX**

*Specializing in Curtain Material, Upholstery Fabrics, Ready-made Curtains, Tussles, Tussel Holders, Fringes, Oriental Design Carpets, Made to measure Carpets, Bedroom Carpet sets, Mattresses, Pillows, Throws, Sofa Covers, Cushions, Table Cloths, Napkins, Doylers, Towels & Bath Carpet Sets, Quilts, Sheets & Bedspreads, Swish Rails, Metal & Wooden Poles & much more. Sewing on request &* **Free Delivery**

**1, Friars Street, Rabat - Malta**
**Tel: 2145 9702, 2145 5413**